

# Fdalijiet f'Bengħisa

Amanda Bonnici B.A.Hons. P.G.C.E. History

Il- kultura ta' nies ġewwa Malta fi żmien il- Feniċi kienet influwenzata ħafna mill-Orjent speċjalment kulturi Levantini u Eġizzjani. Dan nistgħu nixhduh mill-evidenzi li nstabu. Ir-riti u twemmin li kienu ġew introdotti mill-Feniċi nistgħu nistudjawhom mill-iskrizzjonijiet li nstabu f'diversi lokalitajiet. L-iktar tnejn antiki li ġew datati għas-seba' seklu Qabel Kristu jixhdu l-qima lejn alla Baal Hammon, l-ikbar alla mid-divinitajiet meqjuma mill-Feniċi.



Skont kittieba Griegi spiss kienu jiġu wkoll sagrifikati trabi (molk) lejn din divinità. Dan kollu wara nbidel u minflok bdew jiġu sagrifikati bhejjem (molk amor). Flimkien ma' dawn l-iskrizzjonijiet nstabu urni bi fdalijiet ta' għadam ta' trabi kif ukoll ta' annimali.



Iskrizzjoni Feniċa tal-istess epoka miktuba fuq biċċa papirus żgħira, ġiet misjuba ġewwa tal-Virtu fuq in-naħa ta' barra tar-Rabat. Il-papirus instabet ġewwa oġġett tal-bronz, vojt min ġewwa magħruf bħala 'amulet'. Dan l-oġġett kien spiss jigi użat bħala pendent li jġib il-fortuna sew mill-Feniċi kif ukoll mill-Eġizzjani. Il-kitba kienet bħal talba kontra l-ispirti ħżiena li ruh se tilaqa' magħhom fi triqitha lejn dinja l-oħra. Mal-kitba kien hemm ukoll tpingijha tal-alla Isis, alla tal-maternità u fertilità. Permezz ta' din il-kitba stajna nifhmu twemmin feniċu fejn tidħol il-mewt u l-ħajja eterna. Jispikka fosthom l-importanza tal-allat minħabba protezzjoni meħtieġa fil-vjaġġ lejn l-eternità.

Iskrizzjoni oħra simili nstabet ġewwa qabar maqtugħ fil-blat f'Bengħisa li d-data tagħha tvarja bejn ir-raba' u tielet seklu ta' Qabel Kristu. Din il-kitba tiddeskrivi l-qabar bħala 'eternal home' (dar tal-eternità). Din hija simili għal iskrizzjonijiet oħra li kienu jintużaw ġewwa l-ewwel belt Feniċa waqt il-funerali (belt li llum il- ġurnata hi magħrufa bħala Libanu) kif ukoll kitbiet oħra li nsibu fil- Bibbja.




Il-kitba kienet minquxa fuq il- blat ġewwa l-qabar, fejn kien jissemma 'Hannibal iben Bodmelek' li jista' jkun jew isem il-persuna stess li kienet ġiet midfuna jew il-maġistrat inkarigat mit-tmexxija fl-istess perjodu ta' difna. L-iskrizzjoni ġiet misjuba fil-1761 u llum il- ġurnata tinsab ġewwa l-Biblijoteka Nazzjonali ta' Pariġi.

Anthony Bonanno, *Phoenician, Punic and Roman*, Midsea Books :: Malta, Malta, 2005.
http://www.ancientscripts.com/images/phoenician.gif,